# L-GHASSIESA TA' L-ISWAR

*Ta'* A. A.

IS-SULTAN baqa' bejn ħaltejn għall-kliem li sama'. Ma għarafx sewwa sew x'jaqbad jagħmel.

Iħares ċass quddiemu, rasu immejla kemmxejn 'l isfel, ħaddejh mistrieħa fuq idejh it-tnejn imqiegħda fuq wiċċ ta' mejda tal-kawba mill-ħoxna, xofftejh bdew jitħarrku u daqqiet ilissnu, bħallikieku ma jafux kif, "Fra René... Fra René... Fra René..."

Il-balliju waqaf għal ftit minn kliemu biex iħalli lill-Gran Mastru jixtarr ftit waħdu dak li kien għadu kif qallu.

Wara ftit ta' skiet, il-balliju reġa' beda jredden : "Sire, kliemi minnu. Taf int, ma nistgħux inħalluh jagħmel li jiftillu...... hekk, bla ma naraw sew x'inhi l-biċċa. Jekk tiġri l-kelma aktar milli ġriet, l-isem ta' l-Ordni qaddisa tagħna, jinħaqar, u......"

"Daqshekk," qatagħlu kliemu s-Sultan, waqt li b'idejh urieh il-bieb tal-kamra.

Il-balliju malajr fehem li ma kienx hemm ħtieġa ta' kliem aktar, sellem u ħareġ.

Il-Gran Mastru Jean de la Valette bejn ried u bejn ma riedx jagħti widen għal dak li kienu ilhom igħidulu dwar Fra René. Iżda għid il-lum u għid għada, ma setax iħalli l-biċċa torqod.

Fra René inħatar kmandant tal-Forti Sant'Anġlu għall-qlubija tal-għaġeb li wera matul l-imblokk mit-Torok. Il-ħatra tiegħu bħala l-ħakem tal-forti kienet għelm ta' ħajr mis-Sultan innifsu.

Minn xi żmien bdiet tiġri xniegħa qalb l-Irħieb ta' l-Ordni Kif u min bdieha ftit li xejn jingħad. Min għader, min ried li jitħallas il-laħam, u min ħaqqaq li wegħdiet dejjem wegħdiet. Iżda quddiem Fra René ħadd ma qabżitlu kelma waħda, bħallikieku qatt ma seta' jidħlilhom f'moħħom biċċa bħal dik.

Il-kelma la qabdet triqitha, ma żammitha ħadd.

Fuq il-quċċata tal-Forti, beda jingħad li Fra René kien iżomm tgħix miegħu f'xi kmamar ftit li ħadd ma kien jersaq lejhom, waħda xbejba żagħżugħa u sabiħa. Intqal ukoll minn taħt il-taħt, li minkejja l-wegħdiet tiegħu ta' Raħeb, kien iżżewwiġha bil-moħbi.

U minn ħalq għal ieħor, il-grajja tlewnet u ssebbħet li ma ngħidlekx.

**Mela, lejla waħda fit-tard,** Fra René kien bil-qiegħda f'waħda **mill-kmamar** tiegħu. Ħdejh kellu 'l ħanintu, xbejba trid seba' **għajnejn tħares** lejha. Magħmula mislufa mistlufa; dlielha iswed u twil mitluq ħafif ħafif ikebbeb lil wiċċha u dirgħajha; wiċċha samrani, ħlejju u sbejjah, b'żewġ għajnejn suwed tuta jleqqu bħal żewġ ġawhriet; xofftejn imdaqqsin, ħomor nar; par wardiet mimlija; u liebsa ħarir aħmar u abjad li xeraq ħafna u qata' fuq laħamha samrani : kien fiha tassew dehra ta' ġmiel. Id-dwal mill-imsiebaħ jilagħbu fuqha u jagħtuha dehra ta' seħer li b'xejn ma ġġibu f'dawl ix-xemx.

Fra René u x-xbejba kienu jitgħaxxqu jifirħu b'xulxin. Daqqa kelma, daqqa daħka u daqqa jħaddanha ftit miegħu, Fra René għamel għors.

Il-kavalier żagħżugħ ma kienx nieqes, la minn ħaġa u lanqas minn oħra. Ħarstu fuq tagħha, mibrum, fuq qaddu, felħan, kien fih daqqa ta' għajn tajba. Mhux ta' b'xejn li Fra René kien meqjus b'wieħed mill-isbaħ kavalieri ta' dik il-ħabta.

Il-ħena ta' dak il-għors inkisret minn taħbita qawwija fuq il-bieb. Fra René u ħanintu siktu u ħarsu lejn mnejn ġiet it-taħbita.

Silet is-sejf u staqsa : "Min hemm?"

"L-għassies, sinjur. Qed jidhru d-dwal in-naħa t'isfel. Riesaq xi ħadd."

Bla telf ta' żmien, il-kavalier ħareġ mal-għassies. Niżlu mit-taraġ li jgħaddi mill-mina.

Qalbu tħabbat sitta sitta. staqsa mitt darba lilu nnifsu min seta' nqala' dak il-ħin. Il-lejl kien daħal ġmielu u ma kienx waqt li fih kellu jistenna żjajjar.

Waqfu ftit fil-bidu ta' taraġ ieħor li kien jagħti għal isfel. Ħarsu 'l isfel u fil-qiegħ tas-sur dehru torċi mixgħula u jdaħħnu jiċċaqalqu 'l hawn u 'l hinn fuq il-marbat tal-forti, kollox ftit mistur miċ-ċpar tal-lejla.

Fra René dar lejn il-għassies u biex bħallikieku jara jekk fehemx sew, staqsieh : "Il-Gran Mastru?"

L-għassies ta daqqa b'rasu biex jurih li hekk kien, u wieġbu : "Ġie jżurna ħabta u sabta, għal għarrieda."

Fra René bla ma ried qarras wiċċu u ta daqqa ta' għajn minn taħt 'il fuq lejn kamartu.

"Ara x'tagħmel, ara xi tpaspar, u żommu bil-kliem għal ftit ħin."

Dar u reġa' tela' 'l fuq.

Ħanintu kienet qed tistennieh fil-bieb, għajnejha beżgħana. Malli ratu, qaltlu: "X'ġara?"

"U xejn," weġibha. "Ħadd ħlief ċakkar ta' sajjied li tilef triqtu u fettillu jirrokka hawn."

Ħarstu mqita, għajnejh ebsin, b'idu l-waħda ħadilha idejha u bl-oħra ħaddanha minn qaddha, ġemmeh xofftejh ħdejn widnejha, u bil-ħlewwa kollha, qallha: "Ejja noħorġu ftit ħdejn is-sur; l-għeluq ta' hawn ġew qed idejjaqni."

Waslu qrib il-parapett baxx tas-sur, meta f'tebqa' ta' għajn, Fra. René baram idu l-waħda ma' qaddha u l-oħra għafasha b'kemm kellu ħila fuq ħalqha, għollieha fuq rasu bħalma kien għamel kemm-il darba meta waddab ħaġar u toqol ieħor fuq wiċċ il-Qamar, waħħal siequ l-waħda ma' tarf il-parapett, ġibed nifs, u waddabha għal isfel.

Ħanintu werżqet u wara ftit instama' ħoss maħnuq malwaqgħa tagħha fuq il-blat ta' taħt is-sur.

Fra René, jilheġ, waqaf iħares ċass lejn fejn niżlet titgerbeb Ħanintu. Bla ma jaf, sidru strab min-nifs li taqqlu, moħħu ssaffa, stejqen, ta daqqtejn ta' ħarta fuq ħaddejh, għadda idejh għal darba tnejn fuq ilbiesu u l-armi, ċaqlaq ftit 'il hawn u 'l hinn geddumu, għorok idejh ma' xulxin, u bil-qajla l-qajla dar lura biex imur jilqa' lill-Gran Mastru sidu.

* * *

Żmien, żmien wara, Sant'Anġlu kellu kmandant ġdid, din id-darba wieħed Ingliż. Martu u hu żammew għalihom il-kmamar ta' fuq nett.

Fl-ewwel lejl li kellhom igħaddu flimkien hemm fuq, il-mara ħarġet ftit fuq is-sur biex tara l-port u l-Belt fid-dawl ta' qamar, għax kienet lejla ta' dawl ta' qamar mill-isbaħ.

Xi erba' passi 'l bogħod minnha rat xbejba, misluta misluta, b'xuxa sewda u twila mitluqa fuq spallitha, u mlibbsa b'ħarir abjad u iswed. L-Ingliża baqgħet ħalqha miftuħ u stagħġbet. Kif kienet ser tiftaħ ħalqha biex tkellimha, ix-xbejba dehret tinġibed lura lura, bħallikieku mġiegħla tabilfors, sakemm laħqet tarf is-sur u b'idejha ħerqana taħtaf tarf il-ħaġar. Għal waqt wieħed dehret li ser jirneexxilha ma tibqax nieżla għal isfel. Iżda għal xejn, għelbet, u minn isfel telgħet twerżiqa li tkessaħlek demmek.

L-Ingliża, dik il-lejla, ma setgħetx tagħlaq għajn ma' għajn bil-qatgħa li ħadet.

Żewġha ma kellux x'jagħżel. Ħtieġlu jneħħiha minn hemm. Bagħatha l-Belt f'lukanda u tista' tgħid ma ħarġitx minn kamritha għal ġimagħtejn sħaħ. U fit-tmiem ta' dak iż-żmien, il-Forti kellha kmandant ieħor: din id-darba wieħed għażeb.

In-nies tal-Belt ma stagħġbux.

L-għassiesa ta' l-iswar ma ħamlitx li mara oħra tgħix fil-kmamar tal-ħakem tal-Forti Sant'Anġlu. Dawk xerqu u riedu lilha biss, u 'l ħadd aktar.